# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

**MAGISTRAT**

**DR. JOSEPH APAP BOLOGNA B.A. LL.D.**

**Seduta ta' nhar t-Tnejn 24 ta' Settembru 2001**

**Avviz. numru 417/01**

**Numru 36**

**Bank of Valletta p.l.c.**

**vs**

**Angelo Spiteri**

Il-Qorti,

Wara li rat it-talba tas-socjeta' attrici ghall-kundanna tal-konvenut ghall-hlas tas-somma ta' hames mija u sitta u erbghin liri Maltin (Lm546.00) bilanc ghad-debitu fil-"Loan Account" ta' Angelo Spiteri mal-Bank of Valletta p.l.c. (Dok "A1" sa "A2") flimkien ma l-imghax ulterjuri mill-1 ta' April 2001 sal-jum tal-pagament effettiv.

Bl-ispejjez inkluzi dawk tal-ittra ufficjali datat 1 ta' Novembru 2000 (Dok "B") u tal-Mandati ta' Sekwestru u Qbid li gew pprezentati mal-avviz kontra l-konvenut li gie ngunt ghas-subizzjoni.

Wara li rat l-annessi dokumenti minn fol 2 sa fol 6 tal-atti.

Wara li rat in-Nota ta' Mistoqsijiet tas-socjeta' attrici sabiex il-konvenut jwiegeb ghalihom bil-gurament, b'hekk l-istess ammont u spejjes jigu ppruvati (Art 698 u 702 (3) (b) Proc Civili).

Billi ghalkemm notifikat regolarment, il-konvenut naqas u ma deherx fil-11 ta' Settembru 2001 meta gew prezentati l-kapitoli u lanqas llum, in-Nota tal-Mistoqsijiet tisthoqq li tkun emmnuta u ghalhekk ghandha tittiehed bhala mistqarra.

Tiddeciedi billi tilqa t-talba attrici u tikkundanna lill-konvenut sabiex ihallas lis-socjeta' attrici s-somma ta' Lm546.00,0 bl-imghax ulterjuri mill-ewwel (1) ta' April 2001 sad-data tal-pagament effettiv u bl-ispejjes inkluzi dawk tal-ittra ufficjali tal-1 ta' Novembru 2000 u tal-mandati ta' qbid u ta' sekwestru kawtelatorju tal-10 ta' Marzu 2001.

Alan Calleja
Dep.Reg